**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Joseph Theuma ta' 48 sena, bin Salvu u Rose nee Borg li joqghod 36, Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 71449(G)**
**u**
**Emanuel Theuma ta' 45 sena bin Salvu u Rose nee Borg li joqghod 55, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 21453(G)**

Illum 28 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli fis-26 t'Awissu 1998 u f'dawn l-ahhar xhur, (1) ezercitaw sengha ta' mastrudaxxa fil-fond bla numru u bla isem fi Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, li mhux kopert bil-permessi ta' l-Awtoritajiet kompetenti biex fih isir xoghol ta' injam, (2) aktar talli fl-istess fond haddmu makkinarju li mhux licenzjat li jithaddem hemm (3) dejjqu l-mistrieh tal-girien bil-hsejjes li jaghmlu l-istess makkinarju.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna t-tnehhija ta' l-inkonvenjent taht penali li jidhrilha xieraq l-istess Qorti.

Semghet il-provi;

Il-Qorti;

A skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghal dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet premessi deciza illum stess minn din il-Qorti u taddottah f'din il-kawza wkoll.

Ghalhekk issib lill-imputati hatja tal-ewwel u t-tieni akkuzi;

Ma ssibhomx hatja tat-tielet akkuza stante li ma tirrizultax u tilliberahom;

Rat l-artikolu 338 (gg) tal-Kap. 9.

Tikkundannahom ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull wiehed.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur